



Kunsill Ewropew

Brussell, 25 ta' Mejju 2021
(OR. en)

EUCO 5/21

CO EUR 3
CONCL 3

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (24 u 25 ta' Mejju 2021) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. COVID-19

1. Ir-ritmu tal-vaċċinazzjonijiet żdied madwar l-UE u għandu jiġi sostnut. Dan, flimkien ma' titjib fis-sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali, ser jippermetti l-ftuħ gradwali mill-ġdid tas-soċjetajiet tagħna. Madankollu, jeħtieġ li nibqgħu viġilanti fir-rigward tat-tfaċċar u t-tixrid ta' varjanti u li nieħdu azzjoni kif meħtieġ. Ser ikun kruċjali li ssir ħidma kontinwa biex titħaffef il-produzzjoni tal-vaċċini u tiġi żgurata provvista adegwata madwar l-UE.
2. L-isforzi biex jiġi żgurat approċċ ikkoordinat għandhom ikomplu qabel ma jibda s-sajf. F'dak il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil li ntlaħaq dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u jappella għall-implimentazzjoni rapida tiegħu. Bħala pass li jmiss, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-moviment liberu fl-UE, huwa jappella għal reviżjoni sa nofs Ġunju tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ivvjaġġar fl-UE. Huwa jilqa' r-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE.
3. L-impatt tal-pandemija jista' jitrażżan biss permezz ta' rispons globali komprensiv. L-UE hija l-akbar esportatur ta' vaċċini tal-COVID-19 lejn id-dinja u ser tkompli bl-isforzi tagħha biex iżżid il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-vaċċini fuq livell globali sabiex tissodisfa l-ħtiġiet globali. Il-Kunsill Ewropew jappella biex il-ħidma titħaffef biex jiġi żgurat aċċess ekwu globali għall-vaċċini tal-COVID-19 u jappoġġa r-rwol ta' tmexxija ta' COVAX f'dak ir-rigward. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jaċċelleraw il-kondiviżjoni tal-vaċċini biex jappoġġaw lil pajjiżi fil-bżonn, bil-għan li jagħtu donazzjoni ta' mill-inqas 100 miljun doża sa tmiem is-sena, u biex jgħinu fl-iżvilupp tal-kapaċità ta' manifatturar lokali skont id-Dikjarazzjoni ta' Ruma tas-Summit Globali dwar is-Saħħa.

II. TIBDIL FIL-KLIMA

4. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-konklużjonijiet tiegħu tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020. Huwa jilqa' l-qbil milħuq mill-koleġislaturi dwar il-Liġi dwar il-Klima.
5. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapidament il-pakkett leġiżlattiv tagħha flimkien ma' eżami fil-fond tal-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali fil-livell tal-Istati Membri.
6. L-UE tilqa' l-impenn imġedded tal-Istati Uniti għall-Ftehim ta' Pariġi. L-UE tissottolinja li tinsab lesta li tisfrutta l-momentum globali u tappella lis-sħab internazzjonali tagħha, b'mod partikolari lill-membri tal-G20, biex iżidu l-ambizzjoni tagħhom qabel il-laqgħa tal-COP26 fi Glasgow.
7. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni fi żmien adatt wara li l-proposti tal-Kummissjoni jkunu ġew ippreżentati.

III. BELARUSSJA

8. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna b'mod qawwi l-inżul furzat ta' titjira tar-Ryanair f'Minsk, il-Belarussja, fit-23 ta' Mejju 2021 fejn ġiet ipperikolata s-sikurezza tal-avjazzjoni, u d-detenzjoni mill-awtoritajiet Belarussi tal-ġurnalist Raman Pratasevich u ta' Sofia Sapega.
9. Il-Kunsill Ewropew:
 - jitlob b'insistenza l-ħelsien immedjat ta' Raman Pratasevich u Sofia Sapega u li tiġi ggarantita l-libertà ta' moviment tagħhom;
 - jappella lill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali biex tinvestiga b'mod urġenti dan l-inċident bla preċedent u mhux aċċettabbli;
 - jistieden lill-Kunsill biex jadotta elenkar addizzjonali ta' persuni u entitajiet mill-aktar fis possibbli abbażi tal-qafas ta' sanzjonijiet rilevanti;

- jappella lill-Kunsill biex jadotta aktar sanzjonijiet ekonomiċi immirati u jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex mingħajr dewmien jippreżentaw proposti għal dan il-għan;
- jappella lit-trasportaturi kollha bbażati fl-UE biex jevitaw li jtiru minn fuq il-Belarusija;
- jappella lill-Kunsill biex jadotta l-miżuri meħtieġa biex jiġu pprojbti titjiriet minn linji tal-ajru Belarussi li jgħaddu minn fuq l-ispazju tal-ajru tal-UE u ma jagħtix aċċess lill-ajruporti tal-UE lil titjiriet operati minn tali linji tal-ajru;
- juri solidarjetà mal-Latvja wara l-espulsjoni mhux ġustifikata ta' diplomatiċi Latvjani.

10. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi din il-kwistjoni.

IV. RUSSJA

11. Il-Kunsill Ewropew kellu dibattitu strateġiku dwar ir-Russja.
12. Huwa jikkundanna l-attivitajiet illegali, provokattivi u fixkiela Russi kontra l-UE, l-Istati Membri tagħha u lil hinn minnhom. Huwa jafferma mill-ġdid l-unità u s-solidarjetà tal-UE quddiem atti bħal dawn kif ukoll l-appoġġ tagħha għas-sħab tal-Lvant.
13. Il-Kunsill Ewropew jesprimi s-solidarjetà tiegħu mar-Repubblika Ċeka u jappoġġa r-rispons tagħha.
14. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-ħames prinċipji li jirregolaw il-politika tal-UE fir-rigward tar-Russja. Huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni biex jippreżentaw rapport li jinkludi għażliet ta' politika dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, f'konformità ma' dawn il-prinċipji, bil-ħsieb tal-laqgħa tiegħu f'Ġunju 2021.
15. L-UE ser tibqa' tikkoordina mas-sħab tal-istess fehma.

V. RENJU UNIT

16. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit fl-1 ta' Mejju 2021. Dan il-Ftehim, flimkien mal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Protokoll tiegħu, jipprovdi l-qafas għar-relazzjonijiet tagħna mar-Renju Unit. Iż-żewġ Ftehimiet għandhom jiġu implimentati b'mod sħiħ u effettiv u l-istrutturi ta' governanza tagħhom għandhom isiru operazzjonali.
17. Iż-żewġ Ftehimiet jippermettu li l-UE jkollha sħubija kemm jista' jkun mill-qrib mar-Renju Unit, filwaqt li tagħraf li pajjiż mhux membru tal-UE ma jistax igawdi mill-istess benefiċċji bħal membru u li r-relazzjoni trid tkun ibbażata fuq bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi f'kull mument. Ir-relazzjonijiet mar-Renju Unit għandhom jibqgħu ta' benefiċċju reċiproku u fl-ebda ċirkostanza ma għandhom idgħajfu l-integrità tas-Suq Uniku, l-Unjoni Doganali jew l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jappella lir-Renju Unit biex jirrispetta l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn l-Istati Membri.
18. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet, inkluż fl-oqsma tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, is-sajd u l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, filwaqt li tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti skont il-Ftehimiet, f'koordinazzjoni kontinwa u fi djalogu permanenti mal-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu f'konformità mal-prattika stabbilita.
19. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi l-kwistjoni u l-UE ser tkompli tkun magħquda fid-djalogu tagħha mar-Renju Unit.

VI. LVANT NOFSANI

20. Nilqgħu l-waqfien mill-ġlied li għandu jġib fi tmiemha l-vjolenza. L-UE ser tkompli taħdem mas-sħab internazzjonali biex jerġa' jinbeda proċess politiku. L-UE ttenni l-impenn sod tagħha għas-soluzzjoni ta' żewġ stati.

VII. MALI

21. Il-Kunsill Ewropew jassoċja ruħu mad-dikjarazzjoni tal-ECOWAS u l-Unjoni Afrikana u jikkundanna b'mod qawwi l-ħtif tal-President tat-Tranżizzjoni tal-Mali u l-Prim Ministru u jappella għall-ħelsien immedjat tagħhom.
22. L-Unjoni Ewropea hija lesta tikkunsidra miżuri mmirati kontra l-mexxejja politiċi u militari li jimpedixxu t-tranżizzjoni Maljana.
-